**Santa Luċija**

**Minuti**

**Disà Leġislatura**

**Laqgħa Numru 13/2025**
**7 ta' Mejju 2025**

**Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-4:00p.m.**

PREŻENTI:
Charmaine St John – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku (4.15pm)
Kylie D'Amato – Kunsillier
Liam Sciberras – Kunsillier
Connie Debattista – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
NIL

ASSENTI
NIL

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Bernice Darmanin – Segretarju Eżekuttiv

MINUTI:

13.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija
NIL

13.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 12
Il-Minuti tal-Laqgħa 12-25 ġew iċċirkolati qabel is-seduta u għaldaqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

Il-Kunsilliera Debattista talbet li ssir emenda fuq il-punt 12.3.4 fejn iċċarat li trid tinkiteb: Il-Kunsilliera Debattista wara li tkellmet ma espert tan-naħal, dan infurmaha li n-naħal ifitex il-medda tal-fjuri li għandhom il-pollen mhux il-ħaxix ħażin. Il-Kunsilliera Debattista talbet ukoll li tiġi emendata l-aħħar paragrafu tal-minuti sabiex tinkiteb ħesrem flok diżgwid.

Il-Kunsillier Sciberras talab li jibdew jiġu mibgħuta l-Annexes mal-minuti.

Il-Kunsillier Sciberras talab li tiġi kkjarifikata 12.3.15, fejn hu ma qabilx sakemm il-Kunsill jirċievi rapport mingħand il-perit li dan jista' jsir.

Il-Kunsillier Sciberras talab li ssir emenda fi 12.3.22 fejn is-sentenza triq tinqara: li jsiru diversi emendi fil-proposta li saret minn IM li tirrifletti t-tibdil tal-street alignment ta' Triq Katarina Vitale kantuniera ma Triq Maria De Domenics (Annex 4b).

Il-Kunsillier Sciberras informa sabiex titneħħa l-kelma Nazzjonalisti u tinkiteb minflok il-Kunsilliera Liam Sciberras u Connie Debattista.

Il-minuti ġew approvati b'dawn l-emendi.

Il-Viċi Sindku attenda għal din is-seduta (4.15pm)

Il-Kunsillier Sciberras talab li tinqara stqarrija ppreżentata minnhu u l-Kunsilliera Debattista (Annex 1). Is-Sindku qablet mal-istqarrija u rrimarkat li hi qatt ma attakkat lill-ħadd b'mod personali u xtaqet li jaħdmu flimkien. Madankollu hi ħassieta iddispjaċuta li l-Kunsillier Sciberras preżenta mozzjoni dwar iċ-ċentru ċiviku wara li kienet ilha ġimgħat titlob għall-laqgħa informali bejn il-Kunsilliera u kull darba tiġi kkanċellata. Il-Kunsilliera D'Amato wieġbet li ser tirrispetta l-stqarrija iżda ma kellhix kummenti x'tgħaddi.

## 13.3 Approvazzjoni tal-Audited Financial Statements 2024

L-Accountant informa lill-Kunsilliera li l-unika aġġustament li hemm mill-Unaudited Financial Statements 2024 hija fil-Performance Appraisal tal-impjegati minħabba l-arretrati tal-Collective Agreement il-ġdid, li l-ammont huwa ta' madwar €2000.00.

Il-Kunsillier Sciberras talab diversi kjarifiki u breakdown tal-ispejjeż dwar:

- Note 4 – Ir-raġuni għalfejn l-ammont naqqas minn €153,000 għal €47,000 (Other Government Income). Is-Sindku u l-accountant informaw li dawn il-maġġor parti tagħhom huma flejjes minn skemi jew inkella l-Kunsill ikun qabbad u ħallas kuntrattur għal xi xogħolijiet u qed jistenna r-rifużjoni mingħand entita.
- Note 7 – X'inhi €20,489 fil-general income. Is-Sindku infurmat li dak huwa refund mingħand IM.
- Note 8 – L-accountat spjega li s-surplus mhuwiex dejn, iżda li naqas id-dħul.
- Note 14 – L-accountant spjega li l-'provision for doubtful debts' huma l-flus taċ-ċitazzjonijiet li għadhom mhux imħallsa lill-kunsill ta' qabel is-sena 2011, fejn iċ-ċitazzjonijiet kienu għadhom jinħarġu f'isem il-Kunsilli Lokali. Provision tfisser li baqa' ċ-ċans li nistgħu nirċivuhom. Is-Sindku u l-Kunsillier talbu li jiġu written off peress li għadda ħafna żmien fuqhom u diffiċli li l-Kunsill jiġbor l-flus lura, iżda l-accountant wieġeb li ma jistgħux jinkitbu written off peress li hija problema nazzjonali. L-accountant iċċara li dawn ġa qegħdin miktubin fid-deficit/telf tal-Kunsill; l-effett tagħhom ġa qiegħed hemm għax ilhom aktar minn sentejn.
- Page 15 - Cultural Activities – Is-Sindku kjarifikat li għad iridu nirċievu r-refund minn diversi skemi fosthom tal-Milied 2023 u 2024.

L-Audited Financial Statements 2024 ġew approvati. Il-Kunsillier Sciberras approva subject li jiġu provduti l-kjarifiki.

## 13.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku

13.4.1 Is-Sindku poġġiet fuq il-mejda l-i**statistika** tal-laqgħat (Annex 2)

13.4.2 Is-Sindku infurmat li ser jinħareġ avviż lir-residenti għan-nomini ta' **Ġieħ Santa Luċija.** F'jum Santa Luċija ser issir quddiesa, jingħataw il-Ġieħ Santa Luċija u filgħaxija ssir attività lir-residenti fi Ġnien l-Iskultura, fejn ser jiġu ikkuntatjati Alive 4 God, Joy Gospels u Angelic Voices sabiex ikantaw. Hi xtaqet li l-kunċert isir fuq l-istruttura l-ġdida.
Il-Kunsill ser japplika għall iskema 'Minn Pjazza għal Pjazza' sabiex l-attivita ssir viċin Jum Santa Luċija. Il-Kunsill approva

**13.4.3** Is-Sindku infurmat li qabel is-seduta ġew iċċirkolati l-minuti tal-laqgħa li saret mas-Sur Adrian Mizzi (Annex 3), kif ukoll issuġġeriet li l-**iskema** tal-Kultura tissemma 'Kanzunetti Malti ġol-ġnien' u ssir f'Settembru 2025 u l-iskema tal-Milied tissemma 'Milied Seren f'Santa Luċija'. Is-Sindku infurmat li ser tgħaddi kopja tal-iskemi lill-Kunsilliera.

**13.4.4** Is-Sindku issuġġeriet li ssir **Communal Reserved Parking** faċċata ta' Ġnien is-Serenita'. Il-Kunsill approva.

**13.4.5** Is-Sindku infurmat li qabel is-seduta ġew mgħoddija l-minuti (Annex 4) tal-interview li saret mas-Sa Solveig Ann Fagerbakke li applikat taħt l-iskema ta' **CIES** u marret tajjeb ħafna. Il-Kunsill approva l-impjieg tas-Sa Sa Solveig Ann Fagerbakke.

**13.4.6** Is-Sindku infurmat li qabel is-seduta ġew mgħoddija l-minuti tad-**Drama Unit** (Annex 5), u ser tipprova tiranġa li l-anzjani jmorru jaraw din il-play nhar l-14 ta' Mejju 2025.

**13.4.7** Is-Sindku infurmat li l-avukata irċievit lura mingħand il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq (Annex 6) rigward is-sitwazzjoni tal-**Wasteserv** u l-Kunsill ta' Santa Luċija ftit tal-ġranet ilu bagħat reminder lil Ħal Għaxaq sabiex naraw kif baqgħu. F'każ li ma jirispondux lura ser nerġgħu nibgħatu bl-avukata.

**13.4.8** Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera li l-**fencing** ta' madwar il-bandli tlesta, iżda il-perit tal-kunsill informa li l-kuntrattur baqalu coating sewda tal-fence sabiex ikun jista' jiċċertifika x-xogħol kollhu skond il-BOQ. Il-perit u l-kuntrattur issuġġerew li l-fence jibqa kif inhu minħabba li fih inqas manutenzjoni. Il-Kunsill approva li jibqa mingħajr coating sewda kif ukoll li jitnaqqas il-prezz tal-BOQ.

**13.4.9** Is-Sindku qrat korrispondenza mibgħuta minn **Santa Luċija FC** (Annex 7). Is-Sindku infurmat li l-palma laħqet ġiet maqlugħa mill-kuntrattur tal-Kunsill. Is-Sindku issuġeriet li jranġaw l-open space ta' ħdejn tal-Boċċi Club u jagħmlu l-ġebla kommemorattiva hemmhekk stess. Il-Kunsilliera qablu u talbu li jibgħatu design qabel.

**13.4.10** Is-Sindku qrat korrispondenza mibgħuta minn Cleansing Malta sabiex jibda jintuża s-servizz tagħhom għall-**knis tat-toroq,** bl-istess prezz li l-Kunsill qed iħallas lill-kuntrattur tiegħu bħalissa iżda b'iżjed man power. Il-kuntrattur preżenti talbet żieda ta' €100/ġurnata (full time) jew €50/ġurnata (part time) bil-vat inkluża għall-impjegat ieħor. Il-Kunsill qabel li niġu mgħoddija kopja tad-draft tal-MoU u ssir laqgħa ma CMD qabel jieħdu deċiżjoni.

**13.4.11** Is-Sindku infurmat li bħala Kunsill bagħtna proposta (Annex 8) lill-TM sabiex fi **Triq tal-Barrani**, int u ħiereġ minn Santa Luċija jsiru bollards. Is-Sindku fakkret li din it-triq ma taqax taħt il-Kunsill peress li hija triq arterjali.

**13.4.12** Is-Sindku infurmat li f'Ottubru 2023 il-Kunsill preċedenti bagħat diversi siti fejn isiru c-**Charging Pillars**. Il-Kunsill qabel li jinbidlu xi siti:

- Triq Għeneb id-Dib tibqa kif inhi
- Minflok Triq il-Kaħwiela, isir Triq Klematis fejn l-arblu (faċċata ta' Triq il-Kaħwiela)
- Minflok Triq Ineż Soler isir fi Triq San Piju X taħt il-ħajt tal-kappillan
- Triq Katarina Vitale tibqa kif inhi
- Minflok Dawret it-Torri (ħdejn il-BCRS) issir fi Triq Ġuljetta Lopez k/m Triq Hannewija

**13.4.13** Is-Sindku infurmat li l-Kunsill applika għar-**refurbishment** tal-latrini li jinsabu fil-picnic area mal-iskema tal-Public Works. Il-Public Works infurmawn li x-xogħlijiet ser jibdew wara s-sajf.

**13.4.14** Is-Sindku infurmat li qabel is-seduta ġiet mgħoddija l-**Bye Law dwar iż-Żamma tal-Ħaxix Selvaġġ fil-passaġġi rurali** u l-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa li din il-Bye Law tiġi mibgħuta lill-Environment Manager tar-Reġjun Nofsinhar għall-kummenti tiegħu. Il-Kunsill approva.

**13.4.15** Is-Sindku qrat il-korrispondenza li bagħat il-Kunsillier Sciberras dwar is-sitwazzjoni tal-**Bus Stop Rand u Bus Shelters.** Is-Sindku infurmat li ilha tibgħat emails minn qabel is-sena 2024 (Annex 9), kif ukoll iltaqgħet mal-FACES fis-16 ta' April 2025 sabiex jeħel l-Bus Stage Rand, u s-Sindku ġiet infurmata li l-base tal-stage għadu ma sarx. Hi qalet kif ukoll li ser issir laqgħa oħra mal-periti sabiex jaraw kif ser jitqassam ix-xogħol.

**13.4.16** Is-Sindku qrat il-korrispondenza li bagħat il-Kunsillier Sciberras dwar il-pjanti tax-xogħolijiet li saru fi **Vjal Oleandri**. Is-Sindku infurmat li l-pjanti ġew mibgħuta lill-Kunsilliera kollha fis-17 ta' Jannar 2025 (Annex 10).

**13.4.17** Is-Sindku qrat korrispondenza mibgħuta minn residenta li toqgħod **Trejqet iz-Zahar** minħabba l'għoli tal-bankina. Is-Sindku infurmat li iltaqgħet mar-residenta u għamlet kuntatt mac-CEO ta' IM, u c-CEO infurmaha li ser tiġi rranġata minn IM.

**13.4.18** Is-Sindku infurmat li wara aktar negozjati minn naħa tagħha, il-Kunsill irċieva l-MoU mingħand l-HA sabiex jiġi iffirmat (Annex 11). Il-**HA** ser tagħti somma ta' €8,000,00 (vat inkluż) fl-ewwel u t-tielet sena u fit-tieni u r-raba sena ser tagħti s-somma ta' €18,000.00 sabiex tgħin fiż-żamma ta' dan il-ġnien. Il-Kunsill irċieva l-kwotazzjonijiet sabiex tiġi irranġata l-open space li sar mill-Housing Authority fi Triq iċ-Ċinerarja. Is-Sindku infurmat ukoll li din l-open space qedha inkluża fit-tender tal-Parks and Gardens. Il-Kunsill approva l-irħas kwotazzjoni sabiex tiġi irranġata din l-open space u l-MoU.

**13.4.19** Is-Sindku infurmat li t-tender tal-Parks and Gardens għalqet u l-**evalwaturi** ser ikunu l-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Sciberras u D'Amato.

**13.4.20** Is-Sindku infurmat li l-kunsill irċieva l-istima għat-timer ta' **Ġnien Simbjożi** (Annex 12). Il-Kunsill qabel li d-dawl jintefa fil-11.00pm u l-istima ġiet approvata.

**13.4.21** Is-Sindku infurmat li c-**CCTV** camera li kien hemm fi Triq Maria de Domenicis tmexxit għal Binja tal-Faqqani.

**13.4.22** Is-Sindku qalet lill-Kunsilliera li kellha diversi talbiet mir-residenti sabiex **Ġnien is-Serenita** jdum aktar miftuħ fis-Sajf. Il-Kunsill qabel li matul il-ġimgħa u l-Ħadd jibqa miftuħ sad-9pm, waqt li l-Ġimgħa u s-Sibt jibqa miftuħ sal-10.00pm. Is-Securities ser jiġu infurmati bil-ħinijiet il-ġodda.

**13.4.23** Is-Sindku u l-Kunsilliera Debattista issuġerew li jiżdied **dog bin** fi Triq iċ-Ċinerarja kif ukoll jinbidlu tal-promenade peress li għandhom l-għotjien mkissrin. Il-Kunsill approva.

**13.4.24** Il-Kunsilliera D'Amato ġibdet l-attenzjoni li peress li fi **Ġnien l-Iskulutra** jistgħu jidħlu bl-annimali biċ-ċinga, u l-main gate tal-istess ġnien ġiet magħluqa ħabba s-sigurta ta min iżur il-ġnien, l-entratura issa ġiet minn Ġnien is-Serenita minn ġol-picnic area li fil-picnic area mhux suppost jidħlu bl-annimali. Project Green infurmaw lis-Sindku li Green areas għandhom ikunu miftuħin ukoll għall-annimali. Għalhekk ġie

maqbul li l-parti ta' Ġnien iċ-Ċiniżi tibqa li ma jistgħux jidħlu annimali, sakemm naraw jekk Ġnien l-Iskultur u l-picnic area jinżammux nodfa.

**13.4.25** Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva 3 kwotazzjonijiet għall-installazjoni tac-**CCTV cameras** għal Ġnien is-Serenita u jrid isir depożitu ta' 50% tal-ammont. Il-Kunsill approva l-irħas offerta.

Is-Seduta ġiet imwaqqfa għal ftit minuti.

**13.4.26** Is-Sindku iltaqet mal-perit u l-kuntratturi ta' Public Works nhar il-25 ta' April sabiex jiddiskutu x-xogħolijiet li ser isiru fi **Triq Ġuljetta Lopeż** (Annex 13) u infurmat lill-Kunsilliera li:

- ser tiċċeken il-bankina ta' Triq Ġuljetta Lopeż k/m Triq Lelluz iżda tibqa wheelchair accessible sabiex jiżdied il-parkeġġ.
- Triq l-Għansar ser tiġi irranġata
- Ser tiċċekken l-bankina ta' Triq Ġuljetta Lopez k/m Triq Helen Buhagiar wara l-parir tal-perit peress li qedha ta' periklu għas-sewwieqa. Is-Sindku qalet lill-perit sabiex jagħmlu x-xogħlijiet b'mod li r-residenti ma jkollhomx problemi ħabba l-ilmijiet tax-xita

**13.4.27** Is-Sindku pproponiet li l-**Laqgħa Annwali** ssir il-Ħamis 5 ta' Ġunju 2025 fis-6.00pm ġewwa t-tearoom. Il-Kunsill approva. Is-SE infurmat li kellu jiġi mibgħut rapport qasir tax-xogħol tal-Kunsilliera qabel 21 ta' Mejju 2025.

**13.4.28** Is-Sindku infurmat li ġie ippreżentat l-appell ta' **PA 05910/23** minn Dr Claire Bonello f'isem il-Kunsill Lokali Santa Luċija.

**13.4.29** Is-Sindku infurmat li beda x-xogħol tar-refurbishment tal-**public convenience** li jinsabu f'Dawret it-Torri (Annex 14).

**13.4.30** Is-Sindku infurmat li ġiet mibgħuta t-tieni default notice lill-kuntrattur li jieħu ħsieb il-**Public Convenience** minħabba n-nuqqas ta' indafa.

**13.4.31** Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand SportMalta li s-**swimming lessons** mingħajr ħlas ser jitkomplew matul is-Sajf. Il-Kunsill approva.

**13.4.32** Is-Sindku infurmat li illum 7 ta' Mejju 2025 kellha laqgħa mal-kuntrattur li ser jagħmel ir-rampi u l-p**latform lifts** fejn ser nibdew billi napplikaw għad-DNO.

**13.4.33** Is-Sindku infurmat li t-tindif tal-**ġibjun** li jinsab fil-jogging track ġie mdaħħal fil-lista tax-xogħlijiet tal-Public Works.

**13.4.34** Wara diversi korrispondenzi dwar il-Belishia Lights ta' **Triq Ineż Soler**, il-Kunsilliera D'Amato infurmat li ser tkun Ta' Xbiex fejn ser jiġu installati tip differenti ta' Belishia Lights. Il-Kunsilliera Debattista issuġġeriet li minflok Belishia Lights nitolbu li jiġu pelican Lights. Is-Sindku infurmat li sakemm ikollna iżjed informazzjoni dwar ta' Ta Xbiex, nilħqu napplikaw għall-Pelican Lights. Il-Kunsill approva.

**13.4.35** Is-Sindku infurmat li ingħalqet t-tender tal-**Smart Playground** u l-evalwaturi ser ikunu l-Viċi Sindku u l-Kunsilliera D'Amato u Debattista. Il-Kunsill approva

**13.4.36** Is-Sindku qrat ir-risposta mibgħuta minn **Vjal Kulħadd** wara li tlabnihom fix wasal il-proċess u infurmawna li wara li titlesta l-ewwel fażi ser jagħmlu kuntatt magħna.

13.4.37 Is-Sindku qrat korrispondenza mibgħuta mill-Uffiċju Elettorali fejn infurmawna li ser jibdew proġett ta' **Building Data Capture Exercise** fejn ser jiġbru informazzjoni dwar il-bini. Il-Kunsill approva u talbu li jittella' avviż.

13.4.38 Is-Sindku qrat korrispondenza mibgħuta minn kumpanija privata sabiex isir refurbishment ta' **faċilitajiet sportivi f'Santa Luċija**. Il-Kunsill qabel li tiġi diskussa via e-mail.

13.4.39 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera li qabel is-seduta ġew mgħoddija l-**minuti** tal-laqgħat mal-kuntratturi li jieħdu ħsieb l-ambjent, li saru flimkien mal-Kunsillier Sciberras. (Annex 14)

13.4.40 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera li r-raġel tagħha ser jakkumpanjaha matul id-delegazzjoni ġewwa ċ-**Ċina**, li l-ispejjeż kollha relatati miegħu ser jiġu mħallsa mis-Sindku b'mod personali.

13.4.41 Is-Sindku infurmat li fit-8 ta' Mejju 2025 għandha laqgħa online ma **Project Green** dwar attività li ser tiġi organizzata fi Ġnien l-Iskultur. Il-Kunsillier Sciberras u D'Amato urew l-interess li jattendu, għalhekk ser tiġi mibgħuta l-link.

13.4.42 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar l-skema maħruġa mid-DLG '**Minn Pjazza għal Pjazza**' li l-informazzjoni tagħha ġa ġiet mgħoddija lill-kunsilliera qabel is-seduta. Il-Viċi Sindku ser jieħu ħsieb din l-attivita peress li huwa l-kunsillier responsabbli mill-Kultura bl-għajnuna tas-suġġerimenti li ġa għaddew il-kunsilliera. Il-Kunsillier Sciberras fakkar sabiex tiżdied l-iskultura.

13.4.43 Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva talba għan-**No Objection** mingħand l-Għaqda tan-Nar San Gabriel, Ħal Tarxien u l-Kunsill approva li tiġi mibgħuta l-istess No Objection li ġiet mibgħuta s-sena l-oħra (Memo 5-2025 – Annex 15). Fl-istess waqt is-Sindku infurmat li l-Kunsill ġab l-istimi tar-Risk Assessments relatati mal-festi. Il-Kunsill approva l-irħas kwotazzjoni.

13.4.44 Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-**VSA** li ser isebbħu l-uffiċju tagħhom a spejjeż tagħhom, iżda għandhom bżonn li l-perit tal-Kunsill sabiex jiġi irranġat il-pilastru. Il-Kunsill approva.

13.4.45 Is-Sindku qrat korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand l-**AKL** dwar is-Sigurta fit-Toroq u Mobilita' Sostenibbli fil-Komunitajiet fejn ser jiġu reġistrati l-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Debattista. (Annex 16)

Is-Sindku talbet l-approvazzjoni tal-Kunsilliera sabiex is-seduta ddum kwarta iżjed wara li jinqabżu t-tlett siegħat. Il-Kunsill approva

Is-Sindku għaddiet mozzjoni sabiex issir Item 13.8 (Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti) qabel Item 13.5. Il-Kunsill approva.

### 13.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-Pagamenti.

L-skeda tal-pagamenti 13/25 ġew approvati mill-Kunsilliera D'Amato u ssekondati mill-Kunsillier Sciberras.

### 13.5 Parkeġġ Dawret it-Torri

Is-Sindku infurmat lill-kunsilliera li ħarġet bl-idea ta' parkeġġ taħt l'art fi Triq Għeneb id-Dib fejn ser jiżdiedu madwar 50 parkeġġ wara li iltaqgħet mal-perit tal-Kunsill. Is-Sindku ser tagħmel talba lill-Ministeru sabiex

dan jiġi iffanizjajt mill-Gvern Ċentrali peress ser jiġi jiswa madwar miljun ewro. Il-kunsill approva din l-idea u s-Sindku ser tinforma lill-Kunsilliera meta ser issir il-laqgħa.

### 13.6 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

**13.6.1** Il-Kunsillier Sciberras staqsa meta ser jitneħħew iż-żewġ parkeġġi mill-ġnub ta' Triq San Piju X. Is-Sindku infurmat li ser tiċċekkja.

**13.6.2** Il-Kunsilliera Debattista talbet li jiġu ttrimjati l-bushes, int u ħierġa għall-lights.

**13.6.3** Il-Kunsillier Sciberras irrefera għal PQ26921 (Annex 17), fejn talab jekk is-Sindku iltaqgħetx mal-Kummissarju tat-Tfal. Is-Sindku infurmat li hi kienet iltaqgħet mas-Sa Catherine Fenech mill-Lands Department, s-Sa Fenech għaddieta mal-Ministeru ta' Michael Falzon permezz ta' telefonata biex tiġi organizzata laqgħa flimkien mal-Kummissarju tat-tfal. X'ħin s-Sindku infurmatu fuq xiex riedet tiltaqa miegħu infurmaha li ma hemmx għalfejn jiltaqgħu għax mhux ser jaċċettaw li l-bini titneħħa l-bini minn taħt idejhom. Il-Kunsillier Sciberras staqsa għal veru raġuni ta' għalfejn twaqat il-mozzjoni tiegħu tas-seduta preċedenti peress li jew il-Ministru jew is-Sindku mhumiex qed jgħidu il-verita.

### 13.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fis-7.15pm u is-seduta li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 20 ta' Mejju 2025 fil-5.15pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| ______________________________ | ______________________________ |
| Charmaine St John | Bernice Darmanin |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |